# Il-kwadru ta' l-Altar taċ-Ċintura, fil-Knisja Parrokkjali tal-Gudja

**Kitba ta' Raymond Saliba**

Il-kult lejn iċ-Ċintura tal-Madonna hu antik u mifrux sewwa, kemm fil-Knisja tal-Lvant (Ortodossa), kif ukoll tal-Punent (Kristjana). Iċ-Ċintura, jiġifieri ċinglu jew ċintorin li suppost kienet titħażżem bih Marija ta' Nazaret, kienet sal-Medju Evu waħda mill-aktar relikwiji Marjani importanti u meqjuma.

Fl-ikonografija Marjana kemm ukoll post għal din it-tifkira taċ-Ċintura tal-Madonna li kien popolari ferm sa minn żmien ir-Rinaxximent. Kienet tidħol kemm-il darba fil-kwadri tal-Assunzjoni, prattika li baqgħet anke sal-Barokk.

Fil-Punent però, dan is-suġġett beda jintrabat l-aktar ma' l-Ordni Agostinjan li xerrdu ħafna din id-devozzjoni flimkien ma' dik tal-Madonna tal-Kunsill it-Tajjeb. Għalhekk fil-parti l-kbira tal-kwadri taċ-Ċintura li saru wara s-seklu 17, bdejna naraw ukoll qaddisin Agostinjani, b'mod speċjali lil Santu Wistin u 'l Santa Monika.

F'Malta u Għawdex, fejn hemm preżenza ta' komunitajiet Agostinjani, bla dubju xxettel u kiber dan il-kult Marjan u dan mhux biss aness ma' kunventi tagħhom, iżda wkoll f'numru mdaqqas ta' parroċċi. Waħda minn dawn twaqqfet fil-Gudja fl-1727, fi żmien li nistgħu nsejħulu 'tad-deheb' ghal din id-devozzjoni. Nistgħu nghidu li f'din il-parroċċa l-aktar li sabet art għammiela, tant li għadha qawwija, bil-fratellanza u partit li jorganizzaw l-akbar festa taċ-Ċintura f'pajjiżna.

Kif kienet id-drawwa, meta titwaqqaf fratellanza ġdida kien jingħatalha altar għall-użu tagħha fil-Knisja Parrokkjali li jew jinbidillu t-titlu (dedika) f'dak tal-fratellanza, inkella jiġi ntegrat ma' dak li jkun titular preċedenti fuq l-istess altar. Kien x'kien il-każ, normalment kien isir kwadru ġdid biex juri dak l-iżvilupp. Fil-każ ta' kummissjoni minn fratellanza, ġenerali kien jitħallas mill-fondi tagħha jew fratell benefattur u mhux mill-amministrazzjoni proprja tal-knisja. Hekk nassumu li ġara fil-każ tal-fratellanza taċ-Ċintura fil-Gudja li ngħatalha l-altar fuq il-lemin tal-Maġġur, li kien post prominenti fil-binja, kif għadu sal-lum.



Il-kwadru preżenti fuq l-altar taċ-Ċintura hu wieħed mill-isbaħ kwadri b'dan is-suġġett f'pajjiżna. Kien hemm min attribwieh lil Francesco Zahra (1710-73), li fil-verità jixbħu, però personalment aktar narah bħala xogħol ta' l-artist Żebbuġi, Gian Nikola Buhagiar (1698-1752). Interessanti x-xebħ kbir li hemm bejn dan il-kwadru taċ-Ċintura tal-Gudja ma' dak tal-Karmnu għall-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar. L-iskema trianguIari hi identika bil-Madonna, flok toffri ċ-Ċintura lil Santa Monika tagħti l-iskapular lil San Xmun u fuq ix-xellug flok Santu Wistin jidher San Nikola ta' Bari. Jekk l-iskema hi l-istess, teknikament ta' Ħaż-Żabbar hu superjuri, fejn Zahra jinsab fil-maturità artistika tiegħu. Wisq probabbli li l-ewwel sar il-kwadru tal-Gudja li serva ta' mudell, għax dan żgur li diġà kien fuq l-altar qabel l-1745 (ACM, Misc. 190, f. 354), għalkemm min kiteb ir-rapport ħallat lil Santu Wistin ma' San Nikola.

Il-kwadru tal-Madonna taċ-Ċintura mela, hu xogħol tardiv ta' Buhagiar u dan jinħass tajjeb fl-esikuzzjoni, li għalkemm hi bażikament tajba, però titlef mill-ispontanjetà u freskezza li kellu l-artist żmien qabel. Il-kwadru hu ddominat mill-Madonna qed iżżomm lil Ġesù tfajjel ħdejha u b'idha leminija qed tnewwel iċ-ċintura lil Santa Monika (Omm Santu Wistin). Ħdejn il-qaddisa jinsab iħares 'il barra San Nikola minn Tolentino, qaddis Agostinjan u fin-naħa tax-xellug kemm Santu Wistin b'ilbies Veskovili jsegwi din id-dehra. Madwar Marija kemm diversi anġli u putti u fl-isfond struttura arkitettonika li flimkien ma' purtiera folta n-naħa ta' fuq tal-kwadru, tagħti aspett teatrali, f'idjoma Barokka. Fil-parti ta' isfel, biex jinħoloq bilanċ, naraw grupp ta' erwieħ (tal-Purgatorju) u fuq ix-xellug, putto ħelu qed iżomm il-baklu.

Kollox ma' kollox, dan hu kwadru ieħor interessanti li jsebbaħ din il-knisja u ċertament ma jagħmilx għajb lill-oħrajn fuq l-altari, li kważi kollha huma ta' livell artistiku għoli.

© R. Saliba 2001